

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

## AĠENZJA EWROPEA DWAR IL-MEDIĊINI

**Sejħa għal turija ta' interess għal Aġenti Kuntrattwali b'kuntratt temporanju (EMEA, Londra)**

(2008/C 266/05)

L-Aġenzja hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-valutazzjoni u tas-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju fl-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 — ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1). L-EMEA ġiet mwaqqfa f'Jannar 1995. Għandha ħafna kuntatti mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, mas-27 Stat Membru ta' l-UE, mal-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA u ma' bosta gruppi fil-gvern u fis-settur privat. L-Aġenzja għandha ambjent ta' xogħol multikulturali u stimulanti.

Aktar informazzjoni dwar l-EMEA u dwar l-attivitajiet tagħha tista' tinkiseb minn fuq l-Internet; l-indirizz elettroniku tagħna huwa <http://www.emea.europa.eu>

**L-EMEA tixtieq tistabbilixxi roster ta' kandidati interessati sabiex jaħdmu fuq bażi temporanja b'kuntratt ta' aġenti kuntrattwali. Il-profilu tax-xogħlijiet huma ppubblikati f'dokument separat li huwa disponibbli mill-websajt ta' l-EMEA.**

Il-kandidati li jintagħżlu se jiġu inklużi f'lista ta' riserva u jistgħu jiġu offruti xogħol temporanju li jista' jvarja minn tliet xhur sa ħames snin taħt il-kuntratt ta' aġent kuntrattwali skond il-kundizzjonijiet ta' impjegji ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (L 56, 4.3.1968) <sup>(1)</sup> u d-dispożizzjonijiet implimentattivi ġenerali ta' l-EMEA dwar il-proċeduri li jirregolaw ir-reklutaġġ u l-użu ta' personal kuntrattwalit fi ħdan l-EMEA <sup>(2)</sup>.

Xogħol temporanju jista' jinkludi s-sostituzzjoni ta' aġenti temporanji ta' l-EMEA (per eżempju għal raġunijiet ta' leave tal-maternità, leave tal-paternità, leave tal-familja, leave tal-ġenituri, leave bla ħlas jew leave min-ħabba mard għal żmien twil) jew xogħol fuq proġetti speċifiċi għal perjodu ta' żmien qasir jekk ikun hemm fondi disponibbli. Bl-ebda mod ma jista' kuntratt ta' aġent kuntrattwali iwassal għal kuntratt ta' aġent temporanju mingħajr ma l-kandidat ikun għadda b'suċċess minn proċedura addizzjonali ta' selezzjoni. Il-kuntratt ta' aġenti kuntrattwali ma jistax jiġġedded aktar minn darba.

Il-post ta' l-impjeg sejjer ikun Canary Wharf, Londra.

Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' l-Iżlanda, tan-Norveġja jew ta' Liechtenstein, bil-kundizzjoni li jkollhom kull dritt ta' ċittadin.

Il-kandidati għandhom ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha imposti fuqhom mil-liġijiet fir-rigward tas-servizz militari u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti.

<sup>(1)</sup> [http://ec.europa.eu/civil\\_service/docs/toc100\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/civil_service/docs/toc100_en.pdf)

<sup>(2)</sup> <http://www.emea.europa.eu/pdfs/general/admin/recruit/42125407en.pdf>

**Il-kundizzjonijiet kollha u d-deskrizzjoni tax-xogħol għandhom jitniżżlu mill-websajt ta' l-EMA:**

**<http://www.emea.europa.eu/htms/general/admin/recruit/recruitnew.htm>**

**L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati elettronikament permezz tal-formola li hija disponibbli mis-sit elettroniku tal-EMA.**

**L-iskadenza għall-applikazzjonijiet hija f'nofsillejl tat-2 ta' Diċembru 2008.**

**Jekk jogħġbok innota li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li tirċievi l-EMA, meta toqrob id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet, is-sistema jista' jkollha xi problemi biex tipproċessa l-ammonti kbar ta' data. Għaldaqstant, l-applikanti huma mħeġġa sabiex jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom qabel sewwa d-data ta' għeluq.**

Jekk tixtieq tirċievi notifikazzjoni tal-pubblikazzjonijiet tal-postijiet battala b'mod elettroniku, jekk jogħġbok irreġistra onlajn fuq <http://www.emea.europa.eu/> taħt "Online Mailing Service — Servizz Postali Onlajn".

---